MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Numru 2/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**

***versus***

**Franġisk Fenech, bin Ġużeppi u Angela *née* Galea, imwieled il-Mosta fil-31 ta' Lulju 1939 u joqgħod Mitħna tal-Gvern, Ġesù Nazzarenu, Triq il-Mitħna l-Qadima, il-Mosta, detentur tal-karta ta' identità bin-numru 580739M**

1. Bl-Att ta' Akkuża numru 2 ta' l-2007 ippreżentat fis-16 ta' Jannar 2007 l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta xela lill-akkużat Franġisku Fenech:

i. taħt l-ewwel kap, b'tentativ ta' omiċidju volontarju, talli nhar il-Ħadd 18 ta' Mejju 2003, fir-residenza tiegħu fil-Mosta, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew bil-ħsieb

li jqiegħed il-ħajja tagħha f'perikolu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterna u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt li ma twettaqx minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mir-rieda tiegħu;

ii. taħt it-tieni kap, talli, fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr liċenza tal-pulizija spara arma tan-nar f'post abitat jew fi qrib tiegħu jew fit-toroq pubbliċi; u

iii. taħt it-tielet kap, talli, fit-18 ta' Mejju 2003, mingħajr liċenza tal-pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jagħmel miegħu.

2. Taħt kull wieħed mit-tliet kapi tal-att ta' akkuża l-akkużat kien mixli wkoll bir-reċidiva f'delitt billi b'sentenzi mogħtija mill-Qorti Kriminali fl-4 ta' Frar 1964 u fit-18 ta' Marzu 1977 huwa nstab ħati ta' delitt.

3. Fid-9 ta' Frar 2007 l-akkużat ressaq l-eċċezzjonijiet preliminari tiegħu dwar ammissibilità ta' xhieda u b'rikors tal-25 ta' Frar 2008 talab li jressaq xiehda ulterjuri. Fit-8 ta' April 2008 ingħatat minn din il-qorti sentenza fuq l-eċċezzjonijiet preliminari u fuq it-talbiet magħmula bir-rikors tal-25 ta' Frar 2008; dik is-sentenza ġiet riformata b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tas-27 ta' Novembru 2008.

4. B'nota tal-21 ta' Mejju 2010 l-akkużat għażel, għal dak li jgħid u jrid l-art. 436(6) u (9) tal-Kodiċi Kriminali, illi l-każ tiegħu jinstema' bla ma jiġi magħżul ġuri.

5. B'nota tat-22 ta' Ġunju 2010 l-Avukat Ġenerali waqqa' l-ewwel kap tal-att ta' akkuża (dwar tentativ ta' omiċidju) u żamm iż-żewġ kapi l-oħra.

6. Wara li saritlu l-mistoqsija, kif irid l-art. 450 tal-Kodiċi Kriminali, jekk hux ħati ta' l-akkużi miġjuba kontra tiegħu fit-tieni u t-tielet kap tal-att ta' akkuża, l-akkużat wieġeb li hu ħati. Il-qorti, biex tħares dak li jrid l-art. 453(1) tal-Kodiċi Kriminali, wissietu fuq il-konsegwenzi legali tat-tweġiba tiegħu, u tatu wkoll żmien biex jarġa' lura minnha. L-akkużat iżda tenna t-tweġiba li għalhekk ġiet irreġistrata.

7. Il-qorti għalhekk tiddikjara lill-akkużat Franġisku Fenech ħati fuq ammissjoni:

i. taħt l-art. 24(2) tal-Ordinanza dwar l-Esplożivi [Kap. 33], talli fit-18 ta' Mejju 2003 fil-Mosta mingħajr liċenza tal-pulizija spara arma tan-nar f'post abitat jew fi qrib tiegħu jew fit-toroq pubbliċi; u

ii. taħt l-art. 3(1A) (kif kien fiż-żmien relevanti) tal-Ordinanza dwar l-Armi [Kap. 66], talli fit-18 ta' Mejju 2003 fil-Mosta mingħajr liċenza tal-pulizija kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jagħmel miegħu.

8. Il-qorti għal dak li jgħid u jrid l-art. 490 tal-Kodiċi Kriminali semgħet x'għandhom xi jgħidu l-partijiet sabiex tasal li tqis il-piena li tgħodd għall-każ.

9. Il-fatti li wasslu għal dan il-każ seħħew hekk: Nhar il-Ħadd 18 ta' Mejju 2003 il-ħati kien fil-bitħa tal-post fejn joqgħod, fil-Mosta, meta mit-triq sejjaħlu biex jersaq lejh ċertu John Pace, li kellu kwistjoni miegħu dwar xi għalqa. Il-ħati stieden lil Pace biex jidħol mix-xatba iżda flok għamel hekk Pace qabeż iċ-ċint biex jidħol, u dak il-ħin il-ħati seta' jara li kellu arma tan-nar f'idu. Bi kliem ta' tehdid Pace spara żewġ tiri lejn il-ħati iżda ma laqtux, iżda reġa' daħħal l-iskrataċ fl-arma u beda riesaq lejh. Dak il-ħin il-ħati ftakar li kellu *revolver* b'sitt balal f'kaxxa tal-pitkali li kienet warajh. Ħataf l-arma u ra lil Pace jerġa' jispara żewġ tiri lejh u jerġa' ma jolqtux. Il-ħati spara erba' tiri għal fuq l-għoli ta' Pace biex ibeżżgħu, u Pace kif ra hekk dar lura, spara żewġ tiri oħra, qabeż iċ-ċint u spara tir ieħor mit-triq. Imbagħad telaq mill-post bi kliem ta' tehdid li kellu jerġa' jmur biex isib lill-ħati. Il-ħati mbagħad bagħat lil ġâr tiegħu għall-pulizija. Meta ġew il-pulizija qalilhom x'ġara iżda l-arma ma riedx igħidilhom x'għamel biha għax qal li "dik ma nagħtiha lil ħadd għaliex illum salvatli ħajti u ddefendejt ruħi".

10. Dwar il-ħtija taħt l-art. 3(1A) (kif kien fiż-żmien relevanti) tal-Ordinanza dwar l-Armi [Kap. 66], il-ħati jgħid illi ma għandu jingħata ebda piena għax igħodd għall-każ il-*proviso* għal dak l-artikolu:

**3.** (1A) Kull min, mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, ikollu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew ikollu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jagħmel miegħu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' minn xahrejn sa sentejn:

Iżda meta wieħed jikser id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu minħabba fil-bżonn attwali tad-difiża leġittima tiegħu nnifsu jew ta' ħaddieħor, huwa ma jeħel ebda piena

11. Għalkemm iċ-ċirkostanzi juru illi tassew illi l-ħati nqeda bl-arma tan-nar fil-bżonn attwali tad-difiża leġittima tiegħu, għax kien vittma ta' aggressjoni inġusta, madankollu il-pussess tal-arma ma kisbux minħabba f'dak il-bżonn jew fil-waqt tal-bżonn, għax l-arma kienet – u kien jaf li kienet – fi ħwejġu, u fil-pussess u taħt il-kontroll tiegħu, sa minn qabel ma nħoloq il-bżonn tad-difiża. Għalhekk iċ-ċirkostanzi ma humiex hekk illi l-ħati jinħeles minn kull piena għal din il-ħtija, għalkemm huma ta' relevanza għall-konsiderazzjonijiet li sejra tagħmel il-qorti dwar il-*quantum*.

12. Għandu jingħad ukoll illi, għalkemm il-ħati huwa mixli li hu reċidiv, ma hemmx l-elementi tar-reċidiva għax għadda żmien aktar minn dak li jrid l-art. 50 tal-Kodiċi Kriminali minn dakinhar li l-ħati skonta l-piena għad-delitti msemmija fl-att ta' akkuża.

13. Il-parametri tal-piena għalhekk huma:

i. għall-ħtija taħt l-art. 24(2) tal-Kap. 33, skond l-artt. 33 u 39 tal-istess Ordinanza, priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux anqas minn għoxrin lira u mhux iżjed minn mitejn lira, jew għal dik il-priġunerija u multa flimkien, barra l-konfiska tal-arma taħt l-art. 40 tal-Ordinanza; u

ii. għall-ħtija taħt l-art. 3(1A) (kif kien fiż-żmien relevanti) tal-Kap. 66, priġunerija għal żmien ta' minn xahrejn sa sentejn, barra l-konfiska tal-arma u tal-munizzjoni taħt l-art. 19 tal-istess Ordinanza.

14. Għalhekk, fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-art. 17(*b*) tal-Kodiċi Kriminali dwar konkors ta' reati u ta' pieni, il-parametri huma ta' priġunerija minn xahrejn sa sentejn u tliet xhur, barra l-multa, il-konfiska u l-iskwalifika taħt l-art. 30 tal-Kodiċi Kriminali.

15. Għandu jingħad ukoll illi, dwar il-ħtija taħt l-art. 3(1A) (kif kien fiż-żmien relevanti) tal-Kap. 66, l-art. 27 tal-istess Ordinanza jipprovdi illi d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation* ta' Ħatjin u tal-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali (dwar piena taħt il-*minimum*) ma japplikaw għal ebda reat kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza. Dwar il-ħtija taħt l-art. 24(2) tal-Kap. 33, l-art. 22 tal-istess Ordinanza jgħid illi regolamenti magħmula taħt dak l-artikolu jistgħu jipprovdu illi d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation* ta' Ħatjin u tal-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali wkoll ma jkunux

igħoddu, iżda ma jidher li sar ebda regolament li jipprovdi dwar dan.

16. Il-qorti sejra issa tgħaddi biex tqis il-fatturi li jiswew biex iqarrbu l-piena xierqa aktar lejn il-*minimum* jew lejn il-*maximum* skond il-każ. Fatturi favur il-ħati huma l-fatt illi mill-ewwel għen lill-pulizija fl-istħarriġ tagħha dwar il-każ, li ammetta l-ħtija tiegħu taħt it-tieni u t-tielet kap tal-att ta' akkuża hekk kif l-Avukat Ġenerali waqqa' l-ewwel kap, u li effettivament ir-reati seħħew f'kuntest fejn il-ħajja tal-ħati tqiegħdet f'perikolu ċar minħabba aggressjoni inġusta minn terzi li ħolqot ħtieġa attwali ta' difiża leġittima.

17. Kontra l-ħati hemm il-fatt illi baqa' ma ikkonsenjax l-arma lill-pulizija.

18. Il-qorti hija tal-fehma illi ma għandhiex tonqos milli tqis ukoll l-età u l-istat ta' saħħa tal-ħati, u l-fatt illi l-fedina penali tiegħu, għalkemm ma tistax tissejjaħ nadifa, hija ħielsa minn ħtijiet għal aktar minn tnax-il sena.

19. Il-qorti, wara li qieset sew il-fatturi kollha relevanti, hija tal-fehma illi piena xierqa tkun dik ta' priġunerija għal disa' xhur sospiża għal sentejn skond id-disposizzjonijiet tal-art. 28A tal-Kodiċi Kriminali, flimkien ma' skwalifika tal-ħati milli jikseb liċenza biex iżomm arma tan-nar, u l-konfiska tal-arma u tal-munizzjon.

20. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti, wara li rat l-artt. 22(2), 24(2) 33, 29 u 40 tal-Kap. 33, l-artt. 3(1A), 19 u 27 tal-Kap. 66 (kif kienu fiż-żmien relevanti), u l-artt. 17(*b*), 49, 50, 20, 22, 23, 30, 533 u 28A tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lill-ħati għall-piena ta' priġunerija għal disa' xhur, b'dan illi s-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul iż-żmien ta' sentejn millum, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B li din is-sentenza għandha tibda sseħħ. Tordna wkoll l-iskwalifika tal-ħati milli jżomm jew jikseb liċenza biex iżomm arma tan-nar, u l-konfiska tal-arma u tal-munizzjon favur il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------